

# YOFORAMA

*YOUTHS FOR RADJU MARIJA*






# STEDINA

## GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

# GĦEŻIEŻ ŻGĦAŻAGĦ

## TA' RIEDA TAJBA!

Għeżież adolexxenti u żgħażagħ ta' rieda tajba! Intom li tixtiequ u temmnu fil-qawwa ta' Ġesù li aħjar minnu m'hawnx, intom li tħobbu lil Kristu b'imħabba tal-ġenn!

Imma speċjalment intom li tisimgħu għax tixtiequ kelma ta' ġid, għax titgħaxxqu bil-Mulej għax bih tistrieħu, u intom li tant tħobbu lill-qaddisin tiegħu għax tant tammirawhom!

Lilkom qed nistieden biex tingħaqdu mal-**YoFoRaMa** li tfisser Youths for Radio Maria.

Jintalbu minnkom żewġ affarijiet. L-ewwel hija wegħda spiritwali li tikkonsisti f'quddiesa fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar u Rużarju fl-ewwel Sibt tax-xahar.

It-tieni wegħda hija dik ta' appostolat ma' Radju Marija darba fis-sena jew darba fix-xahar skont kif tixtiequ u tistgħu intom.

Dan kollu se jkun mibni fuq il-ħajja u l-ispiritwalità ta' żewġ żgħażagħ qaddisin ta' żmienna: il-**Beata Chiara Badano** u l-**Beatu Carlo Acutis**.

Jekk qegħdin titħajru u tixtiequ timxu f'din it-triq u tagħmlu sfida magħkom infuskom ibagħtu messaġġ fil-paġna tal-Facebook tar-Radju jew fuq **info.mal@radiomaria.org**

Jekk int żagħżugħ jew żagħżugħa u qed taqra dan il-messaġġ, taqtax qalbek u agħraf li tista' tkun inti li tagħmel differenza fil-ħajja ta' xi ħadd permezz ta' din is-sejħa mill-Madonna f'din il-ħidma li trid fi żmienna.

Beati Chiara u Carlo, itolbu għalina.

Tagħkom f'Ġesù u Marija,
Fr Antoine

## MARATONA

ĠBIR TA' FONDI
B'RISQ RADJU MARIJA
25 - 27 NOV 2021

## ŻJAJJAR FIL-PARROĊĊI

MA' RADJU MARIJA

Novembru: Kolleġġjata Bażilika ta' Sant' Elena, Birkirkara

Diċembru: Knisja Arċipretali ta' San Sebastjan Martri, Qormi.

# KALENDARJU 2022

Akkwista l-kalendarju l-ġdid ta' Radju Marija tas-sena 2022 għal prezz speċjali ta' €3.50 (posta mhux inkluża)

Kalendarju mimli b'ritratti sbieħ ta' tabernakli fi knejjes Maltin u Għawdxin!




# IMLA L-FORMOLA BIEX TORDNA L-KALENDARJU

Kwantità tal-Kalendarju 2022 (€4 bil-posta)

Jien hawn taħt iffirmat qed nibgħat ċekk/money order ta' €

Isem u Kunjom

Indirizz

Kodiċi Postali | Nru Tel | Mobile

Firma ______________________ Indirizz postali: Radju Marija, PO Box 19, Rabat RBT1230

Radju Marija jieħu l-privatezza tiegħek bis-serjetà u jaċċerta li jipproteġi l-informazzjoni personali tiegħek. Kull informazzjoni li inti tipprovdilna fuqek tiġi wżata u miżmuma skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta u din il-protezzjoni tiġi applikata kull darba li niġbru informazzjoni ta' natura personali (inkluż meta inti tuża l-websajt tagħna u/jew pjattaformi diġitali oħra skont il-każ).

# SKEDA TAL-PROGRAMMI

## TAL-ĦARIFA 2021: MIT-TNEJN 4 T'OTTUBRU 2021 SAL-ĦADD 2 TA' JANNAR 2022

### FIL-KLASSI TAD-DUTTRINA

Produzzjoni ta' Joe Camilleri membru tas-Soċjetà Nisranija (MUSEUM) Programm ta' tagħlim dwar kif in-Nisrani għandu b'mod konkret jindirizza l-problemi ta' kuljum permezz tal-fidi.

### BĦAL WARDA TAX-XEMX

Produzzjoni ta' Sr Anne Borg. Programm li l-għan tiegħu huwa li jxerred id-devozzjoni tal-qaddisa Santa Paola Frassinetti, il-fundatriċi tas-Sorijiet magħrufa f'Malta bħala d-Dorotej.

### SAN ĠUŻEPP

Produzzjoni mill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat. Programm ta' diskussjoni, tagħrif, qari u mużika marbuta ma' San Ġużepp f'din is-sena Ġużeppina.

### WALKING IN THE LIGHT OF CHRIST

An English language programme produced by Nikki Felice. This programme is a call for discipleship for Christ. The producer will guide the listeners by sharing her personal experiences of struggles and joys throughout her spiritual life.

### DUN ĠORĠ PRECA

Qari ta' Brian Vella u kitba ta' Fr Alexander Bonnici. Programm fuq it-tagħlim ta' San Ġorġ Preca.

### L-ITTRI TA' SAN GEJTANU THIENNE

Qari minn Lino Valletta u maqlub għall-Malti minn Dun Nikol Debono Montebello. Program li jirrakkonta l-ispiritwalità ta' San Gejtanu permezz tal-Ittri tiegħu.

# GĦIN LIL RADJU MARIJA
## BID-DONAZZJONI TIEGĦEK!

**DONAZZJONIJIET JISTGĦU JSIRU FIL-KONTIJIET LI GĦANDU RADJU MARIJA FIL-BANEK APS, HSBC U BOV**

| | | |
|---|---|---|
| **APS** | IBAN: MT31 APSB 7705 7006 0638 2000 0834 148 | A/C: 20000834 14-8 |
| **HSBC** | IBAN: MT05MMEB44587 000000058030875050 | A/C: 058-030875-050 |
| **BOV** | IBAN: MT09VALL2201 30000000 14609142012 | A/C: 14609142012 |
| **BOV MOBILE PAY** | 7945 3107 | |

**DONAZZJONI B'SMS:**

- €4.66 - SMS fuq 5061 8063
- €11.65 - SMS fuq 5061 9278

**DONAZZJONI BILLI ĊĊEMPEL:**

- €10.00 - ĊEMPEL fuq 5160 2046
- €15.00 - ĊEMPEL fuq 5170 2019
- €25.00 - ĊEMPEL fuq 5180 2047
- €50.00 - ĊEMPEL fuq 5180 2091

## GĦANDEK INTENZJONI SPEĊJALI GĦAT-TALB?

Iktibha fuq il-formola hawn taħt u ibgħatha lil Radju Marija fl-envelop mehmuż.

L-intenzjonijiet tat-talb jitqiegħdu quddiem l-altar fil-Kappella ta' Radju Marija fejn noffru quddiesa kull ġimgħa għall-intenzjonijiet tas-semmiegħa.

## FORMOLA GĦAT-TALB

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________

RADJU MARIJA
102.3FM / 107.8FM



**ĦINIJIET TAL-FTUĦ TA' RADJU MARIJA:**

| | |
|---|---|
| Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: | 09:00 - 17:00 |
| Sibtijiet: | 09:00 - 12:00 |
| Ħdud u Festi: | Magħluqin |

40, Triq San Vinċenz Ferreri, Rabat
Indirizz postali: Radju Marija, PO Box 19, Rabat RBT 1230

Tel: 2145 3105

www.radjumarija.org

info.mal@radiomaria.org

Radju Marija Malta